**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 8 ta' Jannar 2020.**

**Rikors nru: 536/2019 AGV**

**AB (ID nru; 0501774M)**

**U**

**CB (KI: 0043966A)**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt ta' AB u CB datat 21 ta' Novembru 2019 fejn esponew bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar 16 ta' Lulju 2008, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. RD 1.
2. Illi minn daz-zwieg twieled tifel, DEB nhar id- 29 ta' Awwissu 2008 li llum ghandu hdax-il sena.

3. Illi l-kontendenti kienu sseparaw permezz ta’ sentenza li nghatat mill-Qorti Civili (sezzjoni familja) Rik Gur, 336/2011 RGM fil- 21 ta’ Marzu 2013, u dan skont ma jirrizulta mil-anness sentenza mmarkata bhala Dok. RD2;
4. Illi l-mantiment hemm stipulat fis-sentenza, thallas dejjem u ghadu qed jithallas regolarment u puntwalment;
5. Illi ma hemm ebda prospett regenvoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
6. Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw ir-rekwiziti tal-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili bejniethom;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-direttur tar-registru pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-registru pubbliku ai termini tal-artikolu 66 A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan taht kull provvediment iehor l-istess jidhirilha xieraq u opportuni.

Rat id-dokumenti esebiti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**